**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 230/2021 RM**

**Bruno Tucci**

**-Vs-**

**Arnold Cassola**

**Illum, 12 ta' Ġunju 2023**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat minn Bruno Tucci fir-Reġistru ta' din il-Qorti fit-18 ta' Awwissu 2021, fejn l-attur talab illi;

1. Tiddikjara illi l-konvenut, permezz tal-artikolu ippublikat fis-26 ta' Lulju 2021 fuq is-sit elettroniku www.maltatoday.com.mt (kopja tal-artiklu anness u mmarkat bhala Dok BT 1), huwa mmalafama lill-attur kif previst fl-Artikolu 3 et. seq tal-Kap 579 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur dik is-somma li tigi likwidata minn dina l-Onorabbli Qorti ai termini tal-Artikolu 9 tal-Kap 579 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat ir-Risposta ppreżentata minn Arnold Casssola fis-7 ta' Settembru 2021, fejn eċċepixxa:

*" 1. Illi t-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu ghar-ragunijiet hawn taht imsemmija;*

*a. Illi l-artikolu n-kwistjoni mhux diffamatorju u ma jikkawzax hsara serja lir-reputazzjoni tal-attur;*

*b. Illi l-artikolu huwa bbazat fuq rapporti li dehru f'gazzetti jew on line u l-artikolu jikkontjeni stqarrijiet li huma sostanzjalment veri*

*c. L-esponent wara l-qari tal-artikoli f'gazzetti internazzjonali mhux biss irraporta l-opinjoni onesta tieghu dwar l-istess rapporti/artikoli, izda wkoll fatti assodati ppubblikati fis-suddetta dokumentazzjoni internazzjonali*

*d. L-artikolu tal-esponent jikkonstitwixxi dikjarazzjoni privileggjata ai termini tal-ligi billi hi pubblikazzjoni dwar materja ta' interess pubbliku li diga' nghatat publicita' b'mod accessibli ghal udienza kbira f'medium stabbiliti*

*e. L-artikolu li dwaru sar l-ilment tifforma parti minn dikjarazzjoni ta' materja ta' interess pubbliku u l-esponent ragjonevolment emmen li l-publikazzjoi ta' dik l-istampa li sar l-ilment dwarha kienet kienet ta' interess pubbliku*

*f. Salv eccezzjonijiet ohra"*

Semgħet ix-xhieda kollha;

Rat id-dokumenti kollha esebiti u l-provi kollha prodotti mill-partijiet;

Semgħet is-sottomissjonijiet orali tal-abbli avukati tal-partijiet fl-udjenza tal-24 ta' Mejju 2023;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawża kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Din hija azzjoni għal malafama taħt l-Att dwar il-Midja u l-Malafama. L-attur ħassu aggravat b'xi dikjarazzjonijiet li saru mill-konvenut fl-artikolu miktuba minnu u li ġie pubblikat fis-26 ta' Lulju 2021 fuq is-sit elettroniku www.maltatoday.com.mt intestat "*Will Robert be his own man or continue in Joseph's footsteps?*"

Fis-sostanza, dan l-artikolu jittratta l-problemi li skont il-Financial Action Task Force (FATF) ġew identifikati bħala fatturi li kkontribwixxew għall-"*greylisting*" ta' Malta mill-istess FATF, ċioe' l-evazjoni tat-taxxa, il-ħasil tal-flus u l-anonimita' tal-benefiċċjarji ta' kumpanniji suspettużi mwaqqfin f'Malta. Il-konvenut jfisser kif taħt it-tmexxija ta' Joseph Muscat dawn is-setturi ta' tħassib li eventwalment wasslu biex Malta tpoġġiet fuq 'l hekk imsejħja lista l-griża mill-FATF, tħallew jipproliferaw minflok jiġu indirizzati b'xi qies ta' serjeta'. Jistaqsi jekk il-Prim Ministru Robert Abela bi ħsiebu jaġixxi b'serjeta' f'dan il-qasam u jnaddaf isem pajjiżna li tħammeġ bl-iskandli li rajna matul l-amminstrazzjoni ta' Joseph Muscat u dan billi jieħu azzjoni konkreta biex jindirizza dawn l-oqsma ta' tħassib. Fir-rigward, jistaqsi jekk il-Pulizija Maltija investigatax jew hijiex bi ħsiebha tinvestiga numru ta' kumpanniji reġistrati f'Malta li huma suspettati mill-Pulizija fl-Italja li jinsabu involuti f'operazzjonijiet illegali b'rabtiet tal-Mafia. Il-konvenut isemmi lill-attur Bruno Tucci speċifikatament in konnessjoni ma' wħud minn dawn il-kumpanniji suspettużi u jistaqsi jekk il-Pulizija Maltija investigatx il-kumpanniji li allegatament huwa involut fihom l-attur - Mbt Services u Genergia Ltd - u fl-artikolu jsemmi kumpanniji oħrajn reġistrati f'Malta li joperaw fis-settur tal-igaming u lottu li skont hu, jintużaw minn assoċjazzjonijiet kriminali li jaħdmu fil-qasam tan-narkotiċi . Il-konvenut kiteb hekk:-

"*For example, the Italian Police have suspicions about a certain Bruno Tucci, a shareholder of Mbt Services, set up in 1996, and Genergia Ltd, set up in 2010, both based in Malta. A cocaine racket would have been operated through the company Haru Pharma Limited, based in Balzan, whose director is Sebastiano Calabrò, of the*

*Calabrò narcotics clan in Calabria. Cosa Nostra would be represented in Malta throught Antonio Padovani from Catania who created a joint venture, operating bingo halls and slot machines in Malta. The Italian police report alleges that the Mafia clan Santapaola Ercolano operated in Malta in drugs, that the 'Ndrangheta from Calabria operated in Malta in the i-gaming industry, in particular the Tegano clan. It alleges that the Maltese citizen Joseph Galea, killed on 5 February 2014, was frequently travelling to Sicily. Have the Maltese police investigated these companies and servers?*"

Il-Qorti wara li qrat il-pubblikazzjoni impunjata, tqis li l-imputazzjoni li bla diffikolta' titnissel minn qari sħiħ tal-artikolu tal-konvenut, hi li l-attur jitqies bħala persuna suspettata mill-Pulizija Taljana b'involviment f'assoċjazzjoni kriminuża li għandha rabtiet mal-Mafia u li topera permezz ta' network ta' kumpanniji reġistrati f'Malta, fosthom kumpanniji li fihom l-istess attur huwa azzjonist.

Għalkemm il-konvenut ma jgħidx espressament li l-attur huwa involut fl-assoċjazzjoni kriminuża jew li għandu konnessjonijiet mal-Mafia u filwaqt li hu minnu wkoll li ż-żewġ kumpanniji li huwa involut fihom l-istess attur, ma jissemmewx espressament bħala fost dawk il-kumpanniji li jifformaw parti mill-*cocaine racket* li skont il-konvenut jopera tramite l-kumpannija Haru Pharma Limited, il-kostruzzjoni tal-paragrafu in diżamina tiffaċilita l-identifikazzjoni ta' rabta bejn l-attur u l-kumpanniji tiegħu fuq naħa l-waħda, u l-attivitajiet kriminali li jitwettqu għan-nom tal-Mafia ġewwa Malta permezz ta' kumpanniji oħrajn. Dan qed jingħad għaliex ir-referenza fis-silta għall-attur u l-kumpanniji tiegħu, tinsab **minnufih qabel** l-allegazzjonijiet dwar l-industrija tan-narkotiċi li tinħadem minn persuni b'konnessjonijiet Mafjużi tramite kumpanniji oħrajn reġistrati f'Malta, tant illi kollox jinsab f'paragrafu uniku li huwa segwit bid-domanda: "*Have the Maltese police investigated these companies and servers?*"

Minn dan hi l-fehma tal-Qorti li l-qarrej ordinarju mingħajr wisq diffikolta' isawwar l-impressjoni li l-attur tramite l-kumpanniji tiegħu huwa suspettat li għandu konnessjoni

ma' orgnizzazzjoni kriminali mafjuża, u dan wara illi qieset il-kriterji li għandhom jiġu applikati biex tiġi determinata l-imputazzjoni mnissla mill-pubblikazzjoni impunjata:-

"*(1) the governing principle is reasonableness (2) the hypothetical reasonable reader is not naïve but he is not unduly suspicious. He can read between the lines. He can read in an implication more readily than a lawyer and may indulge in a certain amount of loose thinking but he must be treated as being a man who is not avid for scandal and someone who does not, and should not, select one bad meaning where other non-defamatory meanings are available …*"[1]

Il-Qorti tagħmilha ċar illi l-istqarrijiet impunjati ma jwasslux imputazzjoni ta' ħtija, ċioe' li l-attur huwa definittivament assoċjat ma' organizzazzjoni kriminuża u li l-kumpanniji tiegħu jintużaw effettivament għall-ħasil tal-flus tal-mafia. Fil-fehma tal-Qorti hemm qabża sinjifikanti bejn il-kunċett ta' suspett dwar involviment f'reati kriminali li jifforma l-bażi tal-investigazzjoni ta' persuna, u dikjarazzjoni ta' ħtija: l-espressjoni tal-fehma li persuna hija investigata mill-Pulizija għaliex hi suspettata b'involviment f'reat kriminali, ma twassalx, kuntrarjament għal dak li ġie sottomess mill-attur, imputazzjoni li dik il-persuna hija ħatja tar-reat.

Fid-deċiżjoni fil-każ **Mirror Newspapers Ltd v. Harrison**[2], ġie ritenut hekk:-

"*A distintion needs to be drawn between the reader's understanding of what the newspaper is saying and judgments or conclusions which he may reach as a result of his own beliefs and prejudices. It is one thing to say that a statement is capable of bearing an imputation defamatory of the plaintiff because the ordinary, reasonable reader would understand it in that sense, drawing in his own knowledge and experience of human affairs in order to reach that result. It is quite another thing to say that a statement is capable of bearing such an imputation merely because it*

[1] Jeynes v News Magazines Ltd [2008] EWCA.
[2] (1982) 149 CLR 293; [1982] HCA 50.

*excites in some readers a belief or prejudice from which they proceed to arrive at a conclusion unfavourable to the plaintiff. The defamatory quality of the published material is to be determined by the first, not by the second, proposition.*"

Fl-istess deċiżjoni intqal ukoll hekk in tema tad-differenza bejn stqarrijiet li jwasslu imputazzjoni ta' suspett jew imputazzjoni ta' ħtija:-

"*The ordinary reasonable reader is mindful of the principle that a person charged with a crime is presumed innocent until it is proved that he is guilty. Although he knows that many persons charged with a criminal offence are ultimately convicted, he is also aware that guilt or innocence is a question to be determined by a court, generally a jury, and that not infrequently, the person charged is acquitted.*

*In this situation, the reader will view the plaintiff with suspicion, concluding that he is a person suspected by the police of having committed the offence and that they have ground for laying a charge against him. But this does not warrant the conclusion that by reporting the fact of arrest and charge, a newspaper is imputing that the person in guilty.*"

Gatley jgħid hekk fir-rigward:

"*A statement that the claimant is under suspicion or investigation cannot be reasonably understood as stating that he is guilty".*[3]

F'dan il-każ, il-paragrafu konċernanti l-attur jibda bil-premessa li huwa biss suspettat mill-Pulizija Taljana. Dan jimplika b'mod ovvju u naturali li l-attur hu suspettat b'involviment f'attivitajiet illegali ossia reati kriminali, li huma l-affarijiet li jiġu investigati mill-Pulizija, u qed jiġi investigat u mhux akkużat, b'dawn illegalitajiet. **Iżda fil-fehma tal-Qorti, għalkemm il-qarrej ordinarju dodat b'intelliġenża medja jista' jagħraf id-differenza bejn suspett ta' ħtija u dikjarazzjoni ta' ħtija,**

[3] B'referenza għad-deċiżjoni fil-każ **Lewis v. Daily Telegraph** (1964) A.C. 234.

**f'kull każ l-implikazzjoni hi illi l-investigazzjoni tal-attur da parti tal-Pulizija Taljana ġiet meqjusa bħala ta' biżżejjed kalibru biex timmerita investigazzjoni analoga mill-Pulizija Maltija. Kemm hu hekk, il-konvenut qiegħed evidentement isejjaħ għat-tnedija ta' investigazzjoni dwar l-attur b'rabta mas-suspetti dwar l-involviment tiegħu f'reati ta' ħasil ta' flus u assoċjazzjoni kriminuża u jistaqsi jekk il-Pulizija wettqux investigazzjoni fir-rigward**[4].

Madankollu, fil-fehma tal-Qorti, imputazzjonijiet bħal dawk appena identifikati, li l-attur huwa suspettat mill-Pulizija Taljana b'involviment f'attivita' kriminuża tramite l-kumpanniji tiegħu u li jeħtieġ li jiġi investigat mill-Pulizija Maltija, xorta waħda jitfgħu dell ikrah fuq il-karattru u l-integrita' tal-attur.

Wara kollox, huwa ġeneralment ritenut illi l-imputazzjoni li l-persuna aggravata hi suspettata jew involuta b'xi mod f'attivita' kriminali jew kondotta oħra b'konnotazzjonijiet kriminali, titqies li hija diffamatorja[5]. Naturalment, id-differenza bejn allegazzjoni ta' suspett u allegazzjoni ta' ħtija (liema imputazzjoni, f'dan il-każ, hi eskluża) tinċidi fuq il-likwidazzjoni tad-danni iżda entrambi imputazzjonijiet, anke jekk biss dwar suspett f'attivita kriminali, ġeneralment jitqiesu li huma inerentement diffamatorji.

Gatley jgħid illi: "*The imputation of a criminal offence or conviction or attempt to commit such an offence would usually be defamatory but not, it is thought, in very minor cases. ... It may be defamatory to say that someone is suspected of an offence even where that does not imply guilt, or that he has been charged with an offence.*"[6]

Illi fid-determinazzjoni dwar jekk l-imputazzjoni riskontrata mill-assjem tal-pubblikazzjoni hijiex waħda diffamatorja, għandu jingħad illi llum, bis-saħħa tal-Artikolu 3(4) tal-Att, stqarrijiet m'humiex diffamatorji sakemm ma jikkawżawx ħsara

---

[4] Fir-rigward, ġie ritenut:- "*It is immaterial whether the defamatory imputation is conveyed by words of direct assertion or by suggestion, for insinuation may be as defamatory as an explicit statement and even more mischievous*." Gatley,On Libel and Slander (12th Ed., 2013).: 3.18, p. 126, 127.
[5] Collins on Defamation (2014 Ed.) Matthew Collins QC, 6.11, page 117.
[6] Gatley, *ibid.* 3.28, page 142, 143.

serja jew ikunu jistgħu jikkawżaw ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna jew persuni speċifiċi li jagħmlu t-talba.

Dwar ir-rekwiżit tal-prova tal-ħsara serja lir-reputazzjoni, il-Gatley jgħid hekk-

"*Proof that serious harm to reputation has actually occurred will obviously suffice but the claimant need only prove that such harm was likely. The harm need not manifest itself in financial terms, though it may do so: serious harm for the purposes of this provision may also be established by proof that the effect of the libel was to cause others to shun the claimant, or that the claimant was caused serious injury to feelings, distress, hurt and/or humiliation.*"[7]

Dan ifisser illi mhux meħtieġ li l-attur iressaq prova li huwa attwalment ġarrab ħsara f'termini finanzjarji jew tanġibbli jew li r-reputazzjoni tiegħu ntlaqitx negattivament b'mod konkret bħala riżultat tal-allegat malafama.

Fil-mira tal-Artikolu 3(4) tal-Att huwa l-effett jew l-effett potenzjali tal-istqarrija jew il-pubblikazzjoni impunjata li tikkaġuna ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna aggravata u indubbjament, fejn il-pubblikazzjoni impunjata "*tend(s) to lower the plaintiff in the estimation of right-thinking members of society generally*"[8] u "*in all the circumstances would be likely to affect a person adversely in the estimation of reasonable people generally*"[9], din għandha titqies li fiha l-kapaċita' li tikkaġuna ħsara reputazzjoni li hija serja.

Applikat dan kollu għall-imputazzjoni identifikata mill-Qorti bħala l-imputazzjoni mnissla mid-dikjarazzjonijiet tal-konvenut fil-pubblikazzjoni impunjata, hija l-fehma tagħha li din fiha l-propensita' tikkaġuna ħsara serja lir-reputazzjoni tal-attur .

Ikkunsidrat;

---

[7] Gatley On Libel and Slander, Twelfth Ed. [2013] 2.6, pg. 41.
[8] Sim v. Stretch, per Lord Atkin, (1936) 2 All ER 1237 (House of Lords).
[9] Collins, *ibid.* 6.12, p. 117.

Jinsab ritenut illi:

"*Sometimes, it is difficult to distinguish an allegation of fact from an expression of opinion. It often depends on what is stated in the rest of the article, If the defendant accurately states what some public man has really done, and then asserts that such conduct is disgraceful, this is merely the expression of his opinion, his comment on the plaintiff's conduct. So, if without setting it out, he identifies the conduct on which he comments by a clear reference. In either case, the defendant enables his readers to judge for themselves how far his opinion is well-founded; and therefore,what would otherwise have been an allegation of fact becomes merely a comment.*"[10]

Id-dikjarazzjonijiet impunjati mill-attur huma fil-fehma tal-Qorti, stqarrijiet misti li jikkonsistu sija fi stqarrijiet ta' fatt – in kwantu għall-fatt li l-attur huwa suspettat mill-Pulizija Taljana b'involviment f'attivitajiet kriminużi – u kif ukoll f'dikjarazzjoniiet tal-opinjoni tal-konvenut – in kwantu l-fehma tal-konvenut li l-attur għandu, abbażi tal-fatt li l-Pulizija Taljana identifikatu bħala persuna suspettata f'attivitajiet kriminużi, jiġi investigat mill-Pulizija Maltija.

Fil-każ **Wasserman v. Freilich** (2016) EWHC 312 (QB)[11] intqal hekk:-

"*If a statement is capable of being proved to be true, then a defendant would now be able to rely on a s.2 defence[12] (if the evidence is available). If, on the other hand, it is not capable of being proved to be true, it would follow that neither he not anyone else could do so. In such circumstances, however, a defendant might well be able to take advantage of s.3: it is likely that the statement will be recognised by readers (and ultimately by the court) as the expression of an opinion.*"

---

[10] Odgers on Libel and Slander, 6th Ed. Ċitat f'Landmark Cases in Defamation Law, Edited by David Rolff (2021 Ed.) p.88.
[11] P. 16 – 24.
[12] The defence of truth taħt The Defamation Act UK (2013) – identika għall-Artikolu 4(1) tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama.

Fil-fatt, il-konvenut jiddefendi bħala sostanzjalment vera l-asserzjoni li l-attur huwa persuna suspettata mill-Pulizija Taljana. Din hija d-difiza tal-verita' tal-fatti maħsuba fl-Artikolu 4(1) tal-Att dwar il-Midja u l-Qorti taqbel illi din id-difiża hija applikabbli għall-istqarrija impunjata.

Iżda kif diġa' ngħad, il-Qorti tqis li d-dikjarazzjoni tal-konvenut illi l-attur messu jiġi investigat mill-Pulizija Maltija in konnessjoni ma' suspetti dwar assoċjazzjonijiet mafjużi fil-kriminalita' organizzata, tikkostitwixxi dikjarazzjoni ta' opinjoni u timmerita li tiġi mistħarrġa taħt it-tielet paragrafu (ċ) tar-Risposta tal-konvenut fejn jikkontendi li wara l-qari tal-artikolu f'gazzetti internazzjonali, huwa mhux biss irrapporta l-opinjoni onesta tiegħu dwar l-istess rapporti/artikoli, iżda wkoll fatti li jinsabu asseriti f'diversi pubblikazzjonijiet internazzjonali. Din hija d-difiza li nsibu fl-Artikolu 4(2) tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama.

Madanakollu, qabel jibda jiġi mistħarreġ il-meritu ta' dawn iż-żewġ difiżi invokati mill-konvenut, il-Qorti tosserva illi skont is-subartikolu (5) tal-Artikolu 4 tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama, id-difiżi msemmija fis-subartikoli (1) u (2) għandhom japplikaw biss meta l-persuna aggravata hija persuna pubblika. Is-subartikolu (5) jelenka b'mod eżawrjenti l-persuni li jitqiesu bħala persuni pubbliċi għall-fini tal-d-difiża tal-verita' u l-opinjoni onesta u l-konvenut jeħtieġlu juri li l-attur jirrientra f'xi waħda mill-kategoriji ta' persuni pubbliċi li fil-konfront tagħhom tista' tiġi invokata d-difiża tal-verita' jew dik tal-opinjoni onesta. Ma jirriżultax li l-attur huwa uffiċjal pubbliku jew impjegat pubbliku u ma tressqet ebda prova li turi illi huwa kandidat għal kariga pubblika jew jieħu sehem attiv fil-politika. Huwa wkoll minnu li filwaqt li l-attur xehed illi l-mestier tiegħu huwa *industrial chemist,* jirriżulta li huwa jaħdem abitwalment fin-negozju u f'kull każ, l-fatti attribwiti lilu u l-imputazzjonijiet li jitnisslu mill-artikolu impunjat safejn huwa konċernat l-istess attur ma jagħmlu ebda referenza għall-mestier ta' *industrial chemist.*

Minflok, fl-artikolu tiegħu, il-konvenut jirreferi għall-attur bħala persuna li għandha żewġ soċjetajiet kummerċjali bbażati f'Malta, MBT Services u Genergia Limited u

jistaqsi jekk il-Pulizija Maltija investigatx dawn il-kumpanniji u l-persuni li jservuhom, fost il-kumpanniji u persuni oħrajn imsemmija fl-istess paragrafu. L-attur innifsu xehed li huwa dejjem kien involut fin-negozju u li waħda mill-kumpanniji tiegħu (MBT Services Limited) kienet topera fin-negozju ta' importazzjoni u esportazzjoni, filwaqt l-oħra kienet timporta apparat ekoloġiku mill-esteru. Meħud fl-isfond tal-fatti asseriti f'dan il-paragrafu, l-imputazzjoni, kif rajna, hi li jeħtieġ li l-attur jiġi investigat fir-rigward tal-operat tal-kumpanniji tiegħu b'rabta ma' involviment fi kriminalita' organizzata, filwaqt li l-allegazzjonijiet tal-konvenut huma attribwiti lill-attur in konnessjoni mal-involviment tiegħu fiż-żewġ kumpanniji msemmija mill-konvenut u n-negozju tagħhom. Għall-Qorti dan ifisser li d-dikjarazzjonijet impunjati jirreferu għar-rwol tal-attur bħala negozjant u speċifikatament fl-operat tan-negozju ta' dawn il-kumpanniji li, skont il-konvenut, għandhom jiġu investigati. Għaldaqstant l-attur jiffigura bħala persuna pubblika għall-fini tal-paragrafu (ċ) tal-Artikolu 4(5) tal-Att.

Huwa minnu li l-attur xehed li l-kumpanniji llum m'għadhomx jeżistu, iżda ma ressaq ebda prova dokumentarja biex isostni din l-allegazzjoni. F'kull każ, il-Qorti ma tqisx li l-fatt li jista' jkun li llum, l-attur ma għadux jinnegozja permezz tal-kumpanniji imsemmija, ifisser li mhux persuna pubblika għall-fini tas-subartikolu (5) tal-Artikolu 4 tal-Att, meta *ex admissis* huwa kien jeżerċita l-kummerċ permezz tal-kumpanniji li dwarhom saru l-allegazzjonijiet impunjati.

Ikkunsidrat;

Illi in kwantu għad-difiża tal-verita', jingħad illi biex din tiġi eċċepita b'suċċess, il-konvenut jeħtieġlu juri li l-imputazzjoni li tkun saret bi stqarrijiet li dwarhom sar l-ilment, huma sostanzjalment veri. Dan ifisser li l-asserzjonijiet jeħtieġu jkunu fattwali b'mod li jistgħu jiġu verifikati ċioe', ikunu suxxettibbli għall-prova tal-verita' tagħhom. Inoltre, l-oneru tal-prova li l-imputazzjoni mnissla mill-stqarrija impunjata hija vera, jinkombi lill-konvenut u l-kwistjoni dwar jekk l-imputazzjoni hijiex

sostanzjalment vera jew le, trid tiġi riżolta b'referenza għall-evidenza li tiġi dedotta minn kull waħda mill-partijiet.

Blackstone, fir-rigward tad-difiża tal-verita' qabel ġie fis-seħħ id-Defamation Act UK (2013), jgħid hekk:-

"*... a defendant was not required to prove the literal truth of every statement complained of: it was enough to establish the essential or substantial truth of the central defamatory 'sting' of the words. Thus a plea of justification*[13] *could succeed even if other, immaterial details in the offending statement were not proved to be true.*"[14]

Il-prinċipji li huma relevanti u applikabbli għall-fini tat-tifsira tal-frażi "*imputazzjoni ... sostanzjalment ver*(a)" fl-Artikolu 4(1) tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama huma l-istess prinċipji li kienu relevanti għad-difiża tal-ġustifikazzjoni li kienet applikabbli qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att u tajjeb li jingħad ukoll li din id-dispożizzjoni legali hija riproduzzjoni identika tad-dispożizzjoni relattiva taħt id-Defamation Act UK (2013).

Dawn il-prinċipji ġew sintetizzati hekk per Nicklin J fid-deċiżjoni reċenti **f'Bokova v Associated Newspapers Ltd** [2018] EWHC 2032 (QB), [2019] QB 861, [28]:-

*"(i) A defendant must show the relevant defamatory imputation is "substantially true": section 2(1). The Explanatory Notes to the Act refer to the Court of Appeal's decision in Chase v News Group Newspapers Ltd [2003] EMLR 11, para 34: 'the defendant ... has to establish the 'essential' or 'substantial' truth of the sting of the libel. To prove the truth of some lesser defamatory meaning does not provide a complete defence.'*

---

[13] Kif kienet magħrufa din id-difiża qabel id-daħla fis-seħħ tad-Defamation Act, 2013 u l-leġislazzjoni korrispondenti domestika, fl-Artikolu 4(1) tal-Kap. 579.

[14] ***Blackstone's Guide to the Defamation Act,*** 2013 (Oxford University Press), 3.02, p. 28.
Skont Gately *ibid.*: "*The requirement that the defendant need prove only the substantial truth of what has been published entails that a defence of truth may succeed even though the publication was inaccurate in a number of respects. If the defendant can prove that the main charge or gist of the libel is true, a light inaccuracy in one or more of its details will not prevent him from succeeding in a defence of truth*."

*(ii) The court should not be too literal in its approach. Proof of every detail is not required where the relevant fact is not essential to the sting of the publication: Rothschild v Associated Newspapers Ltd [2013] EMLR 18, para 17, per Laws LJ (approving Turcu v News Group Newspapers Ltd [2005] EWHC 799 (QB) at [109], per Eady J). The task is 'to isolate the essential core of the libel and not be distracted by inaccuracies around the edge – however extensive": Turcu's case, para 105*"[15]

Il-konvenut isostni fix-xhieda tiegħu illi d-dikjarazzjoni tiegħu li l-Pulizija fl-Italja għandhom suspetti dwar l-attur hija veritiera għaliex jinsab fil-pussess ta' dokumenti li juru li matul is-sena 2005, il-komunikazzjonijiet tal-attur kienu interċettati mill-Carabinieri Taljani fejn ġie identifikat u stabbilit rapport bejnu u bejn ċertu Nicole Della Corte li kien jaġixxi bħala intermedjarju għal Nicola Schiavone, bin il-kap tal-clan mafjuż magħruf bħala "*dei casalesi*", Francesco Schiavone u persuni magħrufin mal-Pulizija Taljana fiċ-ċirku tal-kriminalita' organizzata, speċifikatament il-familja mafjuża mmexxija minn Francesco Schiavone imsejjaħ "*il clan Schiavone*" jew "*il clan dei casalesi*". Dawn il-persuni wkoll kienu soġġetti għall-interċettazzjonijiet tal-komunikazzjonijiet tagħhom da parti tal-Pulizija Taljana.

Il-Qorti rat il-kopja tat-talba, esebita mill-konvenut bil-ġurament tiegħu (Dok. AC8), li saret mir-*Raggruppamento Operativo Sepciale Carabinieri (Sezione Anticrimine Napoli)* fis-7 ta' Novembru 2005 lill-*Procura Della Repubblica presso il Tribunale di Direzione Distrettuale Antimafia* ġewwa Napli, biex tiġi awtorizzata l-estensjoni tal-interċettazzjoni tal-komunikazzjonijiet ta' Bruno Tucci permezz tan-numru telefoniku 00356-99835819. Din it-talba saret fuq il-presuppost li din kienet, testwalment, "*assolutament indispensabbli*" għall-issoktar tal-investigazzjoni tal-organizzazzjoni kriminali mmexxija minn Francesco Schiavone tal-"*clan dei Casalesi*". F'din it-talba

---

[15] Imbagħad, f'deċiżjoni iktar reċenti, **Riley v Murray** [2021] EWHC 3437 (QB), [2022] EMLR 8 at [51] ġie wkoll riaffermat is-segwenti prinċipju:- *"... In deciding whether any given defamatory imputation is substantially true, the court will have well in mind the requirement to allow for exaggeration, at the margins, and have regard in that context also to proportionality. Having regard to its overall gravity and the relative significance of any elements of inaccuracy or exaggeration, has the substantial sting been proved? It is no part of the court's function to penalise a defendant for sloppy journalism – still less for tastelessness of style: Turcu v News Group Newspapers Ltd [2005 EWHC 799 (QB) [105] and [111] per Eady J."*

ġew dettaljati r-riżultanzi tal-investigazzjonijiet tal-Carabinieri mwettqin sa dakinhar abbażi tal-interċettazzjonijiet ġia' awtorizzati b'digriet preċedenti tas-7 ta' Ottubru 2005, li minnhom kienu ġew identifikati diversi kuntatti telefoniċi li ġew meqjusin bħala ta' interess investigattiv estrem, bejn l-attur u l-imsemmija persuni. F'din it-talba jingħad illi minn dawn l-interċettazzjonijiet preċedenti ġie stabbilit li kienu saru laqgħat bejniethom fl-Italja u li l-attur kien involut fi transazzjoni finanzjarja fejn kellu jirċievi eluf ta' euro mingħand Schiavone biex jinvesti f'proprjeta' immobiljari f'Malta. F'*email* minnhom li ġie interċettat fl-14 ta' Ottubru 2005, mibgħut mill-attur lil Nicola Della Corte, il-Pulizija riskontrat referenza għal investiment f'kirja ta' post f'Malta u l-fatt li kellhom jintużaw il-flus tal-kumpannija fis-somma ta' €7,500. In vista ta' dawn ir-riżultanzi kollha, il-Maġġur Giovanni De Chiara lill-Procura Della Repubblica presso il Tribunale di Direzione Distrettuale Antimafia ġewwa Napli, talab il-ħruġ tal-imsemmi digriet ta' estensjoni tal-awtorizzazzjoni ġia' mogħtija biex jiġu interċettati l-komunikazzjonijiet tal-attur.

Il-Qorti tqis illi minn dan id-dokument hu ovvju li l-attur, Bruno Tucci, kien investigat mill-Carabinieri Taljani in konnessjoni ma' suspetti dwar l-involviment tiegħu fil-kriminalita' organizzata, speċifikatament fl-assoċjazzjoni mafjuża mmexxija minn Francesco Schiavone. Għalkemm huwa minnu li dan id-dokument jikkonsisti f'kopja mhux awtentikata u lanqas iffirmata tat-talba magħmula mill-Comandante il-Maġġur Giovanni De Chiara, imkien ma ġie allegat mill-attur li dan id-dokument m'huwiex awtentiku jew li hu manioplat u m'għamel assolutament xejn biex jikkontesta l-ammissibbilita' tad-dokument minkejja li l-abbli avukat tiegħu kien irriżerva li jikkontesta l-ammissibbilita' tad-dokumenti esebiti bil-ġurament tal-konvenut, fosthom dan ir-rapport.

Fuq kollox, l-attur baqa' ma kkuntrastax ix-xhieda tal-konvenut fejn ikkonferma bil-ġurament it-traduzzjoni mit-Taljan għall-Malti ta' wħud mis-siltiet fir-rapport tal-kap tar-*Raggruppamento Operativo Speciale Carabinieri (Sezione Anticrimine Napoli)* inkluż traskrizzjonijiet ta' konversazzjonjiet telefoniċi - interċettati mill-Carabinieri bis-saħħa ta' digriet tal-*Procura della Repubblica* - li l-attur kellu ma' Nicola della

Corte u Nicola Schiavone u effettivament, ix-xhieda tal-konvenut baqgħet inkontradetta ħlief għaċ-ċaħda tal-attur li huwa qatt kien investigat mill-Pulizija Taljana jew prosegwit quddiem il-qrati fl-Italja.  Għall-Qorti, dan kollu magħdud ifisser li għalkemm evidentement id-dokument esebit mill-konvenut m'huwiex l-aħjar prova tal-kontenut tiegħu, fiċ-ċirkostanzi ma ntweriex illi din m'hijiex l-aħjar prova li l-konvenut seta' jipproduċi in konformita' mal-ħtiġiet tal-Artikolu 560(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Huwa minnu li l-Ispettur Robinson Mifsud xehed illi l-attur m'huwiex indikat fid-database tal-Interpol bħala persuna mfittxija bħala għaliex hi ta' interess f'investigazzjonijiet f'xi wieħed mill-pajjiżi membri tal-Interpol, iżda għall-Qorti dan mhux biżżejjed biex jipprova l-fatt illi effettivament, l-attur m'huwiex jew ma kienx persuna suspettata jew investigata mill-Pulizija Taljana b'rabta ma' kriminalita' organizzata u jew li l-komunikazzjonijiet tiegħu ma kieux interċettati.

Barra dan il-fatt tal-interċettazzjoni tal-komunikazzjonijiet telefoniċi tal-attur mill-Pulizija Taljana in konnessjoni bl-involviment tiegħu fi kriminalita' organizzata, issemma ripetutament f'diversi pubblikazzjonijiet internazzjonali li ġew esebiti mill-konvenut fix-xhieda tiegħu, liema pubblikazzjonijiet ikomplu jaffermaw illi effettivament, l-attur kien persuna suspettata mill-Pulizija Taljana b'involviment fi krimnialita' organizzata.

Għaldaqstant, meqjus dan kollu, il-Qorti ma tistax ma tagħtix valur probatorju lir-rapport tas-7 ta' Novembru 2005  tal-*Comandante Maġġur Giovanni de Chiara tar-Raggruppamento Operativo Speciale Carabinieri (Sezione Anticrimine Napoli)* lill-*Procura Della Repubblica presso il Tribunale di Direzione Distrettuale Antimafia, Napoli,* u sejra għalhekk tqisu bħala prova li tissostanzja pjenament il-verita' tad-dikjarazzjoni tal-konvenut li l-attur kien suspettat mill-Pulizija Taljana b'involviment f'attivita' kriminali.

Qiegħda għalhekk tilqa' l-eċċezzjoni tal-verita' sostanzjali tal-imputazzjoni li l-attur hu persuna suspettata mill-Pulizija fl-Italja li għandu rabtiet ma' organizzazzjoni kriminuża.

Ikkunsidrat;

Illi kif rajna, il-konvenut iwassal imputazzjoni oħra fl-artikolu impunjat, li l-Qorti diġa' qieset li hi diffamatorja għall-attur: l-imputazzjoni li l-Pulizija Maltija messhom jinvestigaw lill-attur in konnessjoni mas-suspett dwar rabtiet li jista' jkollu ma' assoċjazzjonijiet mafjużi fil-kriminalita' organizzata tramite l-kumpanniji tiegħu.

Kif rajna diġa', din l-imputazzjoni titnissel minn dikjarazzjoni mhux ta' fatt iżda tal-opinjoni tal-konvenut, liema opinjoni l-istess konvenut jiddefendi bħala l-opinjoni onesta tiegħu. Din hija d-difiża li nsibu fl-Artikolu 4(2) tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama.

Għas-suċċess ta' din id-difiża, jeħtieġ li jintwera illi d-dikjarazzjoni li dwarha sar l-ilment hija dikjarazzjoni ta' opinjoni – u dan diġa' ġie stabbilit – kif ukoll li d-dikjarazzjoni impunjata tindika f'termini ġenerali jew speċifiċi, il-bażi tal-opinjoni. Il-konvenut esprima l-opinjoni li l-attur għandu jiġi investigat mill-Pulizija Maltija u l-bażi ta' din l-opinjoni hija indikata suffiċjentement bir-referenza għall-allegazzjoni li l-attur huwa suspettat mill-Pulizija Taljana b'involviment f'attivitajiet illegali permezz ta' żewġ kumpanniji tiegħu, Genegeria Limited u MBS Services.

Il-konvenut jeħtieġlu jipprova wkoll illi persuna onesta setgħet ikollha din l-opinjoni abbażi ta' xi fatt li eżista fiż-żmien li fih id-dikjarazzjoni li dwarha jkun sar l-ilment kienet ippubblikata, jew abbażi ta' xi ħaġa affermata bħala fatt f'dikjarazzjoni privileġġjata ppubblikata qabel id-dikjarazzjoni li dwarha jkun sar l-ilment, skont kif imfisser fis-subartikolu (4) tal-Artikolu 4 tal-Att.

Il-Qorti hawnhekk tosserva illi l-konvenut m'għandux raġun fil-paragrafu (d) tar-Risposta tiegħu, għaliex kuntrarjament għal minnu eċċepit, l-artikolu impunjat innifsu ma jistax jitqies bħala "*dikjarazzjoni privileġġjata*" għall-finijiet tal-Artikolu 4(4) tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama. Fil-fehma tal-Qorti, din id-dispozizzjoni legali ma toħloq l-ebda difiża *ad hoc* iżda tipprovdi biss it-tifsira tat-terminu "*dikjarazzjoni privileġġjata*" meta din tingħata bħala l-bażi tal-opinjoni onesta a tenur tal-Artiklu 4(2)(ċ)(ii) tal-Att għall-fini tad-difiża tal-opinjoni onesta. Kemm hu hekk, is-subartikolu (4) ta' dan l-Artikolu jagħmilha ċar illi jekk pubblikazzjoni ser tiġi mfissra bħala "*dikjarazzjoni privileġġjata*" abbażi ta' dan is-subartikolu, dan jgħodd biss fil-kuntest tad-difiża tal-opinjoni onesta a tenur tal-Artikolu 4(2) tal-Kap. 579. Għalhekk, sejra tistħarreġ dak li ġie invokat fil-paragrafu (d) tar-Risposta tal-konvenut biss taħt l-ottika u bħala parti mid-difiza tal-opinjoni onesta.

Il-konvenut xehed illi huwa esprima l-fehma li l-attur għandu jiġi investigat mill-Pulizija Maltija b'rabta mal-involviment suspettat tiegħu f'attivitajiet kriminużi permezz tal-kumpanniji tiegħu f'Malta, abbażi ta' informazzjoni pubblikata f'diversi ġurnali barranin – informazzjoni li ġiet riprodotta minnu fl-artikolu tiegħu - dwar l-investigazzjonijiet li kienu qed isiru mill-Maġistrati tal-*Pool Antimafia* Marco Del Gaudio u Antonio Ardituro in konnessjoni ma' wieħed mill-kapijiet tal-Camorra, ċertu Francesco Schiavone magħruf bħala Sandokan. Xehed illi kien instab fil-portmoni tat-tifel tal-imsemmi Schiavone, *business card* tal-attur Bruno Tucci, liema sejba xprunat indaġni mill-Carabinieri biex jiġi determinat jekk kienx hemm rabta bejn l-attur u Schaivone u speċifikatament, jekk l-attur kienx qed jirriċikla l-flus tal-Camorra ġewwa Malta. Xehed illi ġie rapportat ukoll fil-ġurnali barranin illi l-indaġni li saret in konnessjoni mal-involviment tal-attur fl-attivitajiet mafjużi, żvelat li l-attur huwa d-direttur ta' żewġ kumpanniji f'Malta li kienu ilhom diversi snin ma jippreżentaw kontijiet awditjati skont il-liġi.

Il-konvenut ipproduċa bħala prova diversi pubblikazzjonijiet f'ġurnali u gazzetti internazzjonali in sostenn ta' din l-opinjoni:-

- Il-gazzetta Belġjana 'Le Soir' f'artikolu ppubblikat fil-21 ta' Mejju 2017 intestat "*La Mafia utilise Malte comme blanchisseuse*" (Dok. AC2), fejn ġie dikjarat: "*Tucci huwa entrepreneur Taljan ibbażat Malta. L-investigaturi (Taljani) ittappjawlu t-telefon u waslu għall-konklużjoni li Tucci seta' kien wieħed mill-entrepreneurs li permezz tiegħu il-clan tal-Casal di Principe kienu qed jippjanaw li jaħslu l-istock monetarju tagħhom f'Malta*"[16]

- Il-gazzetta l-Espresso, li pubblikat artikolu fil-21 ta' Mejju 2017 bit-titlu '*Malta Nostra: how Italian Mafia is using the island to launder money*' (Dok. AC4), fejn ġie dikjarat: "*Nicola Schiavone, the son of notorious boss Sandokan, drops his wallet on a street. The Carabinieri del Ros, an Italian enforcement branch, collect it and find some banknotes and a receipt a business card featuring the name of Bruno Tucci. Tucci is an Italian entrepreneur with a base in Malta. The investigators tap him. Listening to his calls on tape, they get to the conclusion that Tucci might be one of the entrepreneurs through whom Casal di Principe clan intends to launder its Malta money stockpile. Setting up night clubs, restaurants, gaming companies: this is the idea of the Casalesi clan according to the investigating officials. They promptly send a rogatory to authorities in La Valletta. They plan to follow the money and stop laundering operations before they even start. Alas, La Valletta delays an answer and when it finally gets to the Italian authorities it is not exhaustive. ...*"

- Il-gazzetta 'La Voce delle Voci' ippublikat artikolu fit-22 ta' Mejju 2017 intestat '*Misteri Maltesi: Che fine hanno fatto le inchieste sui riciclaggi Casalesi?*' fejn ġie dikjarat b'rabta mal-clan Casalesi li "*ġia' mill-2005 setgħu jafdaw u joqogħdu fuq ħabib entrepreneur biex jirriċikla l-flus tagħhom. Qed nirreferi għal Bruno Tucci, li waħda mill-iktar inkesti qawwija tal-'Ordinanza Schiavone' – dik tal-2005 iffirmata mill-Pubbliċi Ministeri Marco del Gaudio u Antonio Ardituro u superviżjonata mill-Prokuratur Aġġunt ta' dak iż-żmien u Ko-Ordinatur tad-DDA (Direzione Distrettuale Antimafia) Federico Cafiero de*

[16] Traduzzjoni mill-franċiż għall-malti magħmula mill-konvenut innifsu u konfermat bil-ġurament.

*Raco .... kienet titkellem ħafna dwaru bħala r-referent prinċipali f'Malta għall-aktar operazzjonijiet riskjużi ta' ħasil ta' flus maħmuġin. 'L-Inġinier Ħieles Daqs Sponsun' F'dan il-punt, tqum spontanja l-mistoqsija: dana kif il-"white collar" Bruno Tucci, imlaqqam 'O ingegnere', baqa' għal tnax-il sena sħaħ u għadu s'issa ħieles għal kollox? Dana kif allura riċiklatur ikkonfermat huwa llum sponsun, jinvesti f'Malta u min jaf fejn permezz taż-żewġ kumpanniji tiegħu?*"

- *'Comment: Greg Bufithis on Murdering Malta and Ediscovery – Part 2'* ippubblikat fuq 'Legal Insider' fit-23 ta' Ottubru 2017. Hawnhekk ġie dikjarat illi "The Italian investigators (ROS) "conclude that Tucci might be one of the entrepreneurs through whom one significant Mafia clan intends to launder its money stockpile"

Dawn il-pubblikazzjonijiet kollha, flimkien mal-pubblikazzjonijiet oħrajn li xehed dwarhom il-konvenut fl-Affidavit tiegħu u esebixxa wkoll kopja tagħhom, fil-fehma tal-Qorti ma jikkostitwixxux "*fatti li eżistew fiż-żmien li fih id-dikjarazzjoni li dwarha jkun sar l-ilment kienet ippubblikata*"[17], għaliex dawn il-pubblikazzjonijiet ma jirrapportawx fatti oġġettivi u stabbiliti li l-pubblikatur għandu jew kellu għarfien dirett tagħhom, iżda riżultanzi ta' investigazzjonijiet ġornalistiċi kumplessi dwar l-operat ta' organizzazzjonijiet mafjużi ġewwa Malta, fejn ġie rapportat kif strutturi u industriji Maltin qegħdin jintużaw bħala vejokoli għall-ħasil tal-flus illegali tal-Mafia ġewwa Malta.

Madankollu, hija l-fehma tal-Qorti illi dawn l-investigazzjonijiet ġornalistiċi fl-assjem tagħhom, ippubblikati fuq *online news portals* ta' ġurnali barranin stabbiliti, jikkostitwixxu dikjarazzjonijiet privileġġjati kif imfisser fis-subartikolu (4) tal-Artikolu 4 tal-Att. Dan qed jingħad għaliex dawn il-pubblikazzjonijiet, li evidentement ġew ippubblikati <u>qabel</u> l-artikolu impunjat f'din il-kawża, huma indubbjament dwar materja ta' interess pubbliku għaliex jirrapportaw il-preżenza u

[17] Artikolu 4(2)(ċ)(ii) tal-Kap. 579.

operat ta' kriminalita' organizzata f'pajjiżna, u r-riċiklaġġ u l-proliferazzjoni ta' flus illegali provenjenti mill-attivitajiet kriminużi ta' assoċjazzjonijiet mafjużi permezz ta' transazzjonijiet finanzjarji li jseħħu tramite kumpanniji mwaqqfin lokalment.

L-Att ma jipprovdix definizzjoni jew linji gwida dwar it-tifsira tal-kunċett ta' interess pubbliku proprju għaliex din il-kwistjoni hija waħda ta' liġi li għandha tiġi deċiża mill-qorti. Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-oqsma tal-amministrazzjoni tal-gvern, kondotta politika u involviment f'reati serji, ilkoll għandhom jitqiesu li huma materji ta' interess pubbliku.

Ġie ritenut li materja tkun waħda ta' interess pubbliku:

"*if it was 'such as to affect people at large, that they may be legitimately interested in, or concerned at, what is going on; or what may happen to them or to others*."[18]

Gatley jelenka serje ta' materji li skont diversi deċiżjonijiet tal-qrati in tema tal-kunċett tal-interess pubbliku, ġew meqjusa bħala ta' interess pubbliku:-

*"... the business of government and political conduct; ... the fair and proper administration of justice; ... the conduct of the police; cheating, corruption ... involvement in serious crimes; corporate malpractice; ...*"[19]

Stabbilit li l-pubblikazzjonijiet esebiti mill-konvenut u li saru referenza għalihom ukoll fl-Affidavit tiegħu fejn ġie indikat is-sors ta' kull waħda minn dawn il-pubblikazzjonijiet, huma dwar materja ta' interess pubbliku, il-Qorti, **wara li aċċertat illi dawn il-pubblikazzjonijiet huma ġenwini u għadhom ukoll sal-lum aċċessibbli mis-sors indikat mill-konvenut**, tqis illi l-*medium* li fuqu saru dawn il-pubblikazzjonijiet, ossia fuq *online news portals* ta' *publishing houses* serji u stabbiliti internazzjonalment, jew sorsi oħrajn ta' aħbarijiet *online,* saru fuq *medium* stabbilit

---

[18] Collins, *supra*, 9.86, p. 213.
[19] *Supra*, 15.6, p. 645, 646.

għall-fini tal-Artikolu 4(4) tal-Att. Il-Qorti hi sodisfatta wkoll li dawn il-pubblikazzjonijiet effettivament ingħataw pubbliċita' b'mod aċċessibbli għal udjenza kbira għaliex kif ingħad, **dawn huma pubblikati fuq l-internet u għadhom aċċessibbli, eżistenti u disponibbli anke sal-lum għalkemm għaddew diversi snin mid-data tal-pubblikazzjonijiet**.

Kif ingħad, dawn il-pubblikazzjonijiet ilkoll jirrapportaw asserzjonijiet dwar ir-relazzjoni u l-kuntatti tal-attur, Bruno Tucci, ma' Nicola Schiavone, iben il-kap tal-clan mafjuż *dei casalesi,* fejn minn interċettazzjonjiet telefoniċi li saru mill-Carabinieri ġie kostatat illi kellu jsir negozju bejniethom li kien jikkonċerna trasferimenti ta' flus mill-Italja għal Malta, possibbilment bl-użu taż-żewġ kumpanniji tal-attur reġistrati f'Malta, kumpanniji li ma jeżistux dokumenti uffiċjali dwar l-attivita' kummerċjali u finanzjarja tagħhom.

Abbażi ta' dawn id-dikjarazzjonijiet, affermati bħala fatt fil-pubblikazzjonijiet fuq imsemmija, kif ukoll abbażi tal-fatt konsistenti fl-interċettazzjoni telefonika tal-attur mill-Pulizija Taljana u r-riżultanzi ta' dik l-interċettazzjoni, traskritti fit-talba tal-*Raggruppamento Operativo Speciale Carabinieri (Sezione Anticrimine Napoli)* għal estensjoni ta' dik l-interċettazzjoni - fatt li ġie affermat konsistentement fil-pubblikazzjonijiet in diżamina - il-Qorti hija pjenament konvinta li l-konvenut irnexxielu jipprova li persuna onesta setgħet kellha l-istess opinjoni bħal dik dikjarata minnu fl-artikolu impunjat, ċioe' li hemm lok għall-investigazzjoni tal-attur u l-kumpanniji tiegħu mill-Pulizija Maltija b'rabta ma' suspettat involviment fl-operat ta' organizzazzjonijiet kriminużi f'Malta.

Għaldaqstant, id-difiża tal-opinjoni onesta wkoll hija tajba u f'lokha u sejra tintlaqa' safejn il-konvenut esprima l-fehma illi hemm lok għall-investigazzjoni tal-attur u l-kumpanniji tiegħu mill-Pulizija Maltija b'rabta ma' suspettat involviment fl-operat ta' organizzazzjonijiet kriminużi f'Malta.

Għall-kompletezza, għandu jingħad ukoll illi fil-każ li għandha quddiemha, il-Qorti ma rriskontrat l-ebda prova fl-atti li turi illi l-konvenut aġixxa bl-iskop li jqajjem kontroversja jew biex jagħmel ħsara lill-attur, wisq inqas xi prova li huwa naqas xjentement milli jsemmi xi fatt eżistenti dak iż-żmien li kieku ssemma, kien ikun kapaċi jimmina l-kummenti tiegħu stess jew iġibhom fix-xejn. Il-prova li l-istqarrija impunjata hija motivata b'malizzja u kwindi l-prova li l-istqarrija ma tirrappreżentax l-opinjoni ġenwina tal-konvenut, tispetta lill-persuna aggravata għalkemm hu rikonoxxut li din il-prova fil-prattika tista' tippreżenta diffikoltajiet sostanzjali.

Gatley[20] jgħid hekk in propositu tal-prova li tista' twaqqa' l-eċċezzjoni tal-opinjoni onesta: -

"*There are matters on which the public has a legitimate interest or with which it is legimitately concerned, and on such matters it is desirable that any person should be able to comment freely, and even harshly,* ***so long as he does so honestly and without malice****. (The malice which rebuts the defence does not mean ill-will or spite, but rather lack of belief in the opinion expressed – footnote 6)*"[21]. (emfasi tal-Qorti)

Ġie ritenut ukoll b'awtorita': "*A comment which falls within the objective imits of the defence of fair comment can lose its immunity only by proof that the defendant did not genuinely hold the view he expressed. Honesty of belief is the touchstone. Actuation by spite, animosity, intent to injure, intent to arouse controversy or other motivation, whatever it may be, even if it is the dominant or sole motive, does not of itself defeat the defence.*"[22]

Iżda l-Qorti ma riskontrat xejn fl-atti proċesswali li jista' jagħti xi ħjiel illi l-konvenut mhux veru jemmen f'dak li esprima u li aġixxa b'mod diżonest u għaldaqstant il-Qorti qiegħda tirriafferma l-konklużjoni li f'dan il-każ huma sodisfatti l-elementi kollha td-difiża tal-opinjoni onesta.

---

[20] On Libel and Slander, 2013, 12.1, p. 424.
[21] Ara speċifikatament id-deċiżjoni fil-każ **Tse Wai Chun v. Chang**, Lord Nicholls, (2000) HKCFA 86 EMLR 31.
[22] Vide **Tse Wai Chun v. Cheng** – *supra.*

Ikkunsidrat;

Dan kollu premess u deċiż, mhux meħtieġ li tiġi mistħarrġa wkoll l-eċċezzjoni invokata mill-konvenut fil-paragrafu (e) tar-Risposta tiegħu, taħt l-Artikolu 5 tal-Att dwar il-Mdija u l-Malafama. Madanakollu, għall-kompletezza, il-Qorti tqis illi d-difiża tal-pubblikazzjoni dwar materja ta' interess pubbliku, ukoll hija tajba u xorta waħda kellha tirnexxi. Dan qed jingħad għaliex diġa' ġie stabbilit illi l-pubblikazzjoni sħiħa, li tittratta l-ħtieġa li fid-dawl tal-*greylisting* ta' Malta mill-FATF, il-Pulizija Maltija tibda taġixxi u tinvestiga bis-serjeta' l-evażjoni tat-taxxa u ħasil tal-flus u l-infiltrazzjoni tal-kriminalita' organizzata internazzjonali f'Malta sabiex tivvindika r-reputazzjoni tal-pajjiż li tħammġet bi skandli li ma baqgħux investigati taħt l-amministrazzjoni preċedenti, hija dwar materja ta' interess pubbliku.

Inoltre, l-identifikazzjoni u r-referenza diretta għall-attur, Bruno Tucci, fil-pubblikazzjoni impunjata, ma tistax titqies li ma tagħmilx kontribut rejali għall-element tal-interess pubbliku tal-artikolu jew bħala irrelevanti u magħmula biss għal skop ta' sensazzjonaliżmu, għaliex hu manifest li l-allegazzjonijiet dwar l-attur huma parti integrali mit-tema tal-pubblikazzjoni[23], ċioe' l-ħtieġa li l-Pulizija Maltija tinvestiga bis-serjeta' l-evażjoni tat-taxxa u ħasil tal-flus u każijiet magħrufin fejn jeżistu suspetti tal-infiltrazzjoni tal-kriminalita' organizzata internazzjonali f'Malta. Kollox magħdud, ma hemm xejn fil-provi li jissuġġerixxi li l-konvenut ma jemminx li l-pubblikazzjoni ta' dawk l-istqarrijiet kienet ta' interess pubbliku, anke għaliex fil-kaz in dizamina, l-isem tal-attur issemma ripetutament fid-diversi pubblikazzjonijiet internazzjonali esebiti mill-konvenut.

---

[23] Fid-deċiżjoni **Jameel (Mohammed) v Wall Street Journal Europe**, ġie ritenut hekk minn Lord Hoffmann: "*The fact that the material was of public interest does not allow the newspaper to drag in damaging allegations which serve no public purpose. They must be part of the story. And the more serious the allegation, the more important it is that is should make a real contribution to the public interest element in the article.*"SPRL (2006), UKHL 44 A.C. 359.

**Għal dawn il-motivi kollha, taqta' u tiddeċiedi illi filwaqt illi tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut fir-Risposta tiegħu biss safejn huma kompatibbli ma' dak hawn deċiż, tiddikjara li l-artikolu mitkuba mill-konvenut ARNOLD CASSOLA intestat "*Will Robert be his own man or continue in Joseph's footsteps?*" ippubblikat fuq is-sit elettroniku maltatoday.com.mt fis-26 ta' Lulju 2021, m'huwiex libelluż u malafamanti għall-attur, qiegħda tiċħad it-talba ta' BRUNO TUCCI fir-Rikors promotur, bl-ispejjeż ibatihom l-istess attur.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**